**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 25 – IT-TNEJN, 19 TA' OTTUBRU 2020 FIS-5.45pm**

Il-Kunsill iltaqa' fil-Boardroom tal-Kunsill.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier (6.00pm) |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| David Dalli | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 24**

1.1 Is-Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 24**

2.1 Ma kienx hemm punti imtella

**3 Pagamenti Numru 26**

3.1 Is-Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell dwar it-tender tal-knis. Ġie innutat ukoll ir-rapport tal-Avukat tal-Kunsill. Kien hemm qbil li terġa' tinħareġ sejħa pubblika peress li l-Qorti rrevokat id-deċiżjoni tal-PCRB. Kien hemm qbil ukoll li jintalbu tliet kwotazzjonijiet għal knis biex jinħareġ servizz ta' emerġenza. Dawn it-tliet kwotazzjonijiet ma jkunux minn kuntratturi li qed jaħdmu bħalissa.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar proposta mit-TCTC biex isiru courses tal-kompuuter online. Kien hemm qbil li dawn ma jsirux.

5.2 Dwar l-art quddiem iċ-Chef Choice u Titan, ġie mistoqsi l-Lands Authority dwar l-ownership. Il-Kunsill ġie nfurmat li din l-art hija pubblika. Saret talba lil LA biex isir enforcement peress li qed tiġi okkupata.

5.3 Dwar is-sejħa għal xogħol ta' ġardinar f'San Ġwann, il-Kunsill ġie nfurmat li rċevejna 9 offerti. Kien hemm qbil li l-Bord ta' Evalwazzjoni jikkonsisti mill-istess membri li kellna qabel. Chairman – Christopher Falzon, Membri – Dr Matthew Paris, Mr Paul Bugeja, u Ms Nikita Alamango, Segretarju – Kurt Guillaumier.

5.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li fetaħ Table Tennis Academy f'San Ġwann u dan offra li r-residenti tagħna jingħataw session b'xejn. Din ġiet uploaded fuq il-paġna tal-Kunsill ta' FB.

5.5 Ġiet innutata offerta mill-GO plc għall-użu ta' CCTVs.

5.6 Dwar il-karozza tal-Kunsill kien hemm qbil li din għandha tinbidel u minflok jinkera van minħabba li qed ikollna ħafna talbiet għal transport minn anzjani. Inġabru tliet kwotazzjonijiet. Wara diskussjoni kien hemm qbil li tintgħażel l-irħas offerta ta' Jason's Car Hire bi prezz ta' 30 Euro kuljum għal van 9 seater.

5.7 Ġiet innutata komunikazzjoni mill-Uffiċċju tal-Ombusman dwar il-bollards li twaħħlu f'Misraħ Awrekarja. Il-Kunsill innota wkoll ir-risposta li bagħat il-Kunsill u kien hemm qbil li dawn il-bollards għandhom jibqgħu hemm.

5.8 Ġie innutat li ser ikun hemm vettura fi Vjal ir-Riħan biex tippromuovi l-konservazzjoni tal-ilma. Kien hemm qbil.

5.9 Kien hemm qbil unanimu dwar esibizzjoni tal-arti f'Wied Għomor bit-titlu Tiles of Occupation.

5.10 Kien hemm diskussjoni dwar impjegata tal-Kunsill li ilha żmien twil ma tiflaħx u mhux qed tattendi għax-xogħol. Kien hemm qbil li din is-sitwazzjoni mhux sostenibbli. Ġie innutat li l-Avukat tal-Kunsill ta l-parir li din l-impjegata tista' tiġi mwaqqfa mill-impjieg jekk m'hemmx ħsieb li din terġa' tidħol għax-xogħol. Kien hemm qbil li għandu jintalab parir minn Avukat speċjalizzat fuq l-impjiegi.

5.11 Kien hemm qbil li jintalbu tliet kwotazzjonijiet għal servizz ta' Accountant għas-sena 2021.

5.12 Kien hemm qbil li jinxtraw 3 arbli u tliet ibnadar kbar biex jitwaħħlu f'San Ġwann. Dawn għandhom jinxtraw mill-Għaqda Festa Esterna għal prezz ta' 3450 Euro skont il-kwotazzjoni mitluba.

5.13 Ġew innutati d-disinji li ser jintużaw għal Milied 2020.

5.14 Kien hemm qbil li jinxtara mobile għall-użu tad-Driver tal-Kunsill.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sinjura Tania Borg infurmat lill-Kunsill li qed taħdem fuq proġett ta' mużika li minnu nistgħu napplikaw għall-fondi tal-EU.

6.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici staqsa dwar ix-xogħlijiet fi Triq Ta' Żwejt u jekk hux ser jonqos il-parkeġġ u jekk hux maħsub għall-ilma tax-xita.

6.3 Is-Sinjura Violet Bajada tkellmet dwar il-kulvert u r-rampa li hemm fi Triq is-Santwarju.

6.4 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li saru t-toqob għall-arbli li ser jintużaw għal Milied. Hu talab ukoll biex jinżabru xi siġar biex ikunu jistgħu jsiru t-tiżjin tal-Milied. Hemm bżonn li jsir patching fi Triq V Hylzer minħabba xi xogħol li sar minn WSC.

6.5 Is-Sur Joe Aquilina talab biex issir laqgħa dwar il-feedback li kellna dwar il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika li saret dwar l-użu tar-roti u x'inizjattivi jistgħu jsiru.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.05pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 2 ta' Novembru 2020 fil-5.30pm

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**